KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tal-laqgħa Numru 34 tat-tmien leġislatura, laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 27 ta' April 2015, f'nofsinhar.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur taż-żgħażagħ: | Is-Sur Eric Gauci (kienet skużat) |

Il-laqgħa bdiet f'nofsinhar wara li ntqalet it-talba tal-bidu mis-Sindku.

Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jiġu approvati l-Audited Financial Statements tas-sena 2014 u jaslu fil-ħin għand l-Awditur.

**Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2014**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Audited Financial Statements għas-sena 2014. Dawn il-Financial Statements ġew ivverifikati mill-Awdituri Spiteri Bailey & Co. dan wara li saru l-adjustamenti mitluba. Dawn id-dokumenti ġew diskussi u juru li fl-aħħar ta' Diċembru tas-sena finanzjarja 2014 bħala Current Assets kien hemm €215,033 li kienu jikkonsistu:

| | |
|---|---|
| *Receivables* | €43,944 |
| *Cash and Cash Equivalents* | €171,089 |

Bħala *Current Liabilities* kien hemm €233,566 li kienu jikkonsistu f'Payables.

Dan ma jinkludix il-*bank loan* għal bini tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali li hi ta' €98,303.

Il-Kunsill approva dawn id-dokumenti u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmawhom.

Il-laqgħa spiċċat f' 12.15 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**